Mark Micallef

# Il-Pubbblikazzjoni: Ilwien il-festi Maltin






Publikazzjoni li ġiet imnedija propju lejn l-aħħar tas-sena l-oħra kienet *Ilwien il-Festi Maltin*. Din il-pubbblikazzjoni mifruxa fuq tnax-il volum se tkun tittratta fotografikament il-festi Maltin, bl-ewwel volum jinkludi fih diversi festi fosthom il-festa ta' San Pietru f'Birżebbuġa. Il-fotografija hija kollha tiegħi u b'għajnuna ta' Andrew Borg (Editur) irnexxielna nippreżentaw damma fotografika tal-Festi Maltin.

*Wieħed ma jistax jiċħad li parti essenzjali mill-identità tagħna l-Maltin hi marbuta mal-festi li niċċelebraw b'tant ħeġġa u żelu matul is-sena, b'mod partikulari fix-xhur tas-sajf*

Wieħed ma jistax jiċħad li parti essenzjali mill-identità tagħna l-Maltin hi marbuta mal-festi li niċċelebraw b'tant ħeġġa u żelu matul is-sena, b'mod partikulari fix-xhur tas-sajf. Tant hu hekk li l-ħsieb wara dan il-ktieb hu proprju li niċċelebraw is-sabiħ tà' dawn il-festi tagħna.

L-esperjenza fotografika tagħna, li qed naqsmu magħkom f'din is-sensiela ta' kotba, hi waħda inklussiva, jiġifieri, l-għan tagħha hu li tiddokumenta fotografikament kull festa li ssir f'pajjiżna, hijiex titulari, sekondarja jew devozzjonali, hijiex kbira, modesta jew żgħira, hijiex antika jew aktar moderna. Ma llimitajna ruħna bl-ebda kriterju partikulari u ma mxejna bl-ebda ordni partikulari fil-preżentazzjoni ta' dawn il-festi. Ħsibna biss li f'kull volum ikollna mixja tul il-festi ċċelebrati matul is-sena, u li fl-istess ħin ikollna varjetà ta' festi li jaċċennaw fuq aspett jew ieħor tal-Festa Maltija.

Il-punt li tlaqna bih, komplejna bih u fi ħsiebna ntemmuh bih, hu, li kull festa hi sabiħa fiha nnifisha. Kull festa għandha x'jikkaratterizzaha u x'jiddistingwiha mill-oħrajn. L-għażla tar-ritratti hi waħda li timplika din il-karatteristika li tindistingwi kull festa minn oħra.

M'għandniex xi ngħidu, ir-ritratti għandhom ukoll il-valur miżjud għal fatt! Dawn jibqgħu jġeddulna l-memorji ta' dak li nkunu rajna u ġarrabna matul il-festi li jkunu għaddew

Fuq kollox, b'dan il-ktieb f'idejna, għandna okkażjoni biex napprezzaw il-ħidma ta' dawk kollha, li volontarjament, jagħtu sigħat, ġranet, ġimgħat u xhur sħaħ mill-ħin liberu tagħhom biex jiggarantixxu festi ta' kwalità, festi li bħalhom, induru kemm induru mad-dinja, bħalhom żgur li ma nsibux.

Dan jidher ċar mill-festa sabiħa li tiġi ċċelebrata f'Birżebbuġa u li għaliha s-Soċjetà Filarmonika San Pietru, Banda Birżebbuġa għandha sehem importanti. Tajjeb li nżommu t-tradizzjonijiet tagħna u dak li jagħmilna uniċi għax kull raħal għandu dak l-mod kif jiċċelebra l-festa b'differenza minn postijiet oħra. Hawn ma nistax ma nsemmix meta San Pietru jinġab minn fuq l-baħar qabel jibda l-marċ. Attrazzjoni unika li ħadd ma għandu jitlef!

Nagħlaq billi nirringrazzja lis-Soċjetà Filarmonika San Pietru, Banda Birżebbuġa tal-għajnuna li dejjem sibna u nħeġġeġ lill-membri tas-Soċjetà u lid-dilettanti tal-festi Maltin jakkwistaw kopja tal-ktieb.